MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru. 279/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Geofrey Azzopardi**
**V**

**HARUN NASIR IDDRIS**

**Seduta ta' llum, 24 ta’ Marzu 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **HARUN NASIR IDDRIS** ta’ tnejn u tletin sena, bin Nasir Iddris u Ramadou Harun, imwieled Sokodey, Togo nhar l-ghaxra ta’ Mejju 1977 u residenti gewwa Hal Far Tent Village detentur tal-karta tal-identita’ tal-pulizija numru 07EEE-060 gie mressaq quddiemha

akkuzat talli nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Marzu 2010, u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti fid-digriet taghha tat-tmintax (18) ta’ Jannar 2010 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali.

Talli xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat, u cioe’ Karta tal-Identita’ Taljana u passaport Taljan ghall-Istrangieri.

Talli kien fil-pussess ta’ passaport li huwa kien jaf li huwa ffalsifikat u/jew li sar tibdil fuqu,

Talli minghajr awtorita’ kompetenti uza jew kien fil-pussess ta’ dokument iffalsifikat mehtieg ghal ghanijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-erbgha u ghoxrin ta’ Marzu 2010 esibita bhala Dok. 1, vera kopja tal-kundizzjonjijet moghtija lill-imputat min din il-Qorti diversament preseduta nhar it-tmintax ta’ Jannar 2010 esibita bhala Dok. 2, vera kopja tal-Garanzija Personali iffirmata mill-imputat nhar it-tmintax ta’ Jannar 2010 immarkata bhala Dok. 3, il-Fedina Penali netta tal-imputat esibita bhala Dok. 4, u dokument ta’ identifikazzjoni tal-imputat mahrug mill-Pulizija li gie esebit u mmarkat bhala Dok. 5.

Semghet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin ta’ Marzu 2010, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti, fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar skond l-Artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-erbgha u ghoxrin ta’ Marzu 2010 stess.

Semghet lill-imputat jiddikjara li kien qed jifhem il-gravita’ tan-natura tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan bl-ghajnuna tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali nominat mill-Qorti .

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti, fis-seduta ta' llum erbgha u ghoxrin ta' Marzu 2010 ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan anke wara li inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti giet infurmata li l-imputat ghaddej proceduri simili quddiem din il-Qorti diversament preseduta, u thoss ghalhekk li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 595 tal-Kap 9, Artikolu 189 tal-Kap 9 u Artikolu 32 (1)(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfont tieghu u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta sitt xhur effettivi millum.**

**Il-Qorti tordna li, ai termini tal-Artikolu 401 (3), l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------